Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Dr. Consuelo Scerri Herrera LL.D.

Appell Nru: 15/2018

Il-Pulizija

Vs

Saviour Demanuele

Illum 5 ta Ottubru, 2018

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Saviour Demanuele detentur tal-karta tal-identità Maltija bin-numru 377737M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali:

Talli nhar is-17 ta' Gunju 2017 ghall-habta ta' 8:25hrs fi Triq Manwel Dimech, Hal Qormi, saq il-vettura bin-numru tar-registrazzjoni BBQ 452:

1. U b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti, ikkaguna hruq, jew ghamel hsara jew hassar jew gharraq xi haga, minhabba f'hekk Catherine Galea batiet

offiza gravi minghajr il-konsegwenzi msemmija fl-Artikolu 218 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta skont kif iccertifikat Dr. Thomas Degiorgio MD reg no 5720;

2. U aktar talli waqt li kien qed isuq l-imsemmija vettura fl-imsemmija triq, liema triq hija regolata b'sinjal ta' dawl tat-traffiku ta' vetturi, naqas li jieqaf meta d-dawl kien qed jixghel ahmar jew amber.

Il-Prosekuzzjoni talbet li jigi skalifikat/a mil-licenzji kollha tieghu tas-sewqan.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tat-12 ta' Jannar, 2018, fejn il-Qorti sabet lill-imputat hati.

It-tieni akkuza hi assorbita fl-ewwel akkuza.

Rat l-Art 328(c) tal-Kap 9 u kkundannatu ghal 500 euro u tliet xhur sospensjoni tal-licenzja tas-sewqan b'effett minn nofsillejl tal-lum.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat ir-rikors tal-appell ta' Saviour Demanuele,ipprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fl-24 ta' Jannar 2018, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha tirrevoka s-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) fl-ismijiet Pulizija vs Saviour Demanuele tat-12 ta'

Jannar 2018 in kwantu din sabitu hati tal-akkuzi migjuba kontrih u kkundannatu multa ta' €500 u tliet xhur sospensjoni tal-licenzja tas-sewqan, u dan billi tilliberah mill-imsemmija akkuzi u kundanni.

Rat illi l-aggravji tal-appellant Saviour Demanuele huma s-segwenti u cioe`:-

1. Illi l-ewwel aggravju jirrigwarda l-mod kif inhi impostata l-ewwel akkuza. L-ewwel akkuza hija cirkonciza fuq Artikolu 328 tal-Kodici Kriminali, kif wara kollox anke tghid din is-sentenza hawn appellata, liema dispozizzjoni tal-ligi taqa' taht it-Titolu IX (delitti kontra proprjetà) Subtitolu IV (hsarat fil-proprjetà) u tirrigwarda kaz fejn issir hsara involontarja fi proprjetà u per konsegwenza xi persuna ssofri xi griehi. Igifieri biex jissussisti dan ir-reat, jehtieg li jigi stabbilit li saret hsara fi proprjetà, u jigi stabbilit ukoll li persuna ssofri griehi per konsegwenza ta' dik il-hsara fil-proprjetà.

   F'dan il-kaz imkien hadd ma semma li saret hsara fi proprjetà kif anqas u anqas hadd ma allega li Catherine Galea sofriet xi griehi per konsegwenza ta' xi hsara li saret f'xi proprjetà. L-akkuza hija marbuta mal-imsemmi artikolu 328, u s-sentenza hija marbuta mas-subinciz 328(c) tal-Kodici Kriminali, pero` la l-prosekuzzjoni u anqas ebda xhud ma ta l-icken indikazzjoni ta' xi hsara fi proprjetà li wasslet ghall-griehi fuq il-persuna ta' Catherine Galea. Ghalhekk l-esponent ma seta' qatt jinstab hati li kkawza hsara fi proprjetà, liema hsara fil-proprjetà wasslet ghal feriment ta' persuna.

2. Illi t-tieni aggravju huwa li l-prosekuzzjoni ma gabitx provi li jorbtu dak li qalu t-tliet xhieda li xehdu mal-akkuzi u mal-esponent. Xehed tabib li kkonferma li fil-jum in kwistjoni invista pazjenta li kellha gerha konsiderevoli f'rasha kompatibbli ma' waqgha, pero` la seta' jidentifika lill-pazjenta (li ma kinitx

prezenti) u anqas seta' jorbot tali gerha ma' xi incident awtomobilistiku, kif anqas ma seta' jorbot tali incident mal-esponenti prezenti.

Xehdu wkoll zewg persuni ohra bhala xhieda okulari li qalu li raw vettura qajla miexja fuq crossing meta d-dawl qaleb *amber*, li ntlaqtet anzjana u li din waqghet fl-art. Huma la setghu jghidu meta sehh l-incident, la setghu jaghrfu lis-sewwieq u anqas setghu jidentifikaw lill-persuna li waqghet fl-art. Il-persuna li allegatament weggghet fl-incident, ghalkemm notifikata, ghazlet li ma titlax tixhed u ghalhekk la ghandna konferma li Catherine Galea sofriet griehi konsegwenza tal-incident imsemmi, u anqas ghandna ebda rabta bejn l-esponent u l-istess incident u z-zewg akkuzi migjuba kontrih.

Semghet lill-partijiet jittrattaw il-kawza u dana fis-seduta tal-11 ta' Settembru 2018.

Ikkunsidrat.

Rat l-affidavit mahluf minn **PS 362 W Borg** u prezentat fl-atti. Dan ix-xhud jghid li nhar is-17 ta' Awwissu 2017 huwa kien stazzjonat l-ghassa tal-pulizija ta' Hal Qormi u ghall-habta ta 8.25 gie nfurmat li kien sehh incident stradali fi Triq Manwel Dimech, Qormi fejn ittajret mara. Huwa flimkien ma PC 360 irrikorrew mill-ewwel ghal fuq il-post fejn irrizulta li Catherine Galea kient allegatament intlaqtet minn vettura bin-numru ta' registrazzjoni BBQ 452 tat-tip Toyota misjuqa minn Salvu Demanuele.

Fuq il-post tal-incident gie stabilit li l-vettura bin-numru ta registrazzjoni BBQ 452 laqtet lil Catherine Galea meta din kienet qed taqsam minn nofs Triq Manwel Dimech Hal Qormi (Triq maqsuma b'zewg traffic lights) direzzjoni lejn il-Pavi. Gew mehuda versjonijiet ta' xi xhieda li raw l-incident. Irrizultalu li l-vettura bin-numru ta' registrazzjoni BBQ 452 kient sejra minn naha tar-roundabout tal-erbgha qaddisin direzzjoni lejn ir-roundabout tal-Imghallaq.

Galea dehret konxja u dehret li kellha daqqa go rasha u kien hemm xi demm. Galea giet mehuda l-isptar permezz ta' ambulanza u giet assistita minn nurses Ingrid Scerri

u Bernard Gatt. Fuq il-post ma sarx sketch peress li l-vettura ma instabitx fuq il-post tal-incident minhabba li kienet instaqet aktar 'l fuq.

Brian Fenech ra l incident u dan qallu li kien bil-vettura LCG 771 b'zewg vetturi bejnu u bejn il-vettura BBQ 452 li kient involuta fl-incident. Is-sewwieq ta' din il-vettura kien l-ewwel wiehed qrib il-lights. Jghid li dan ma ndunax bil-lights li kienu homor u saq normali u laqat lis-sinjura Galea. Vincenza Bonnici stqarret lilu li kienet fuq il-bankina tal-Pavi u rat l-lights homor u il din il-mara taqsam minn nofs it-triq lejn n-naha tal-Pavi. Is-sewwieq baqa' jsuq bl-istess speed li kien gej bih. Hija ndunat li kien ser jibqa' sejjer ghax ma ndunax li l-lights kienu homor. Is-sewwieq kien gej bi speed baxx u laqat lil din il-mara ma saqajha u qalibha ma l-art. Il-vettua BBQ 452 waqfet ftit aktar 'l fuq minn fuq il-post tal-incident, ma genb ta' triq.

Jghid li l-appellant Salvu Demanuele qallu li kien sejjer bilmod u din il-mara qabdet u qasmet. Huwa hares lejn il-lights u ma jiftakarx x'kulur kienu. Jghid li laqatha bil-parti tan-naha tal-lemin.

Catherine Galea giet certifikata minn Dr Thomas Degiorgio li kient qed issofri minn griehi ta' natura gravi.

Rat l-okkorrenza esbita' fl-atti a fol 4 et seq fejn hemm rapportat dak kolli li xehed dwar ix-xhud precedenti u cioe' PS 362 Borg.

Viva voce quddiemha din il-Qorti semghet lil **Brian Fenech** jixhed u dan fis-seduta tal-11 ta' Settembru, 2018. Spjega li huwa kien wara l-karozza li kient ghaddejja minn fuq il-lights homor pero' ma jiftakar xejn aktar. Jghid li nizel jghati l-ghajuna u ftit wara giet l-ambulanza u l-feruta giet mehuda l-Isptar. Jghid li jaf li s-sewwieq tajjar mara anzjana. Is-sewwieq pero' ma kienx mixi b'xi velocita qawwija fosi kien ghaddej b'xi 10 jew 15 km/fs. Jghid li d-dawl kien ahmar u xorta saq. Ma jsitax jikkonferma li kien l-appellant ghax ma jgharfux. L-karozza waqfet prorpju mal-vittma. Kien incident sfortunat.

**Vincenza Bonnici** xehdet u kkonfermat li dak in-nhar kienet ghaddejja minn Triq ta' hdejn il -Pavi. Rat li fit-triq kien hemm lights homor ghall-vetturi u qasmet mara.

Tghid li l-vettura waqfet ma genb mara u ratha taqa'. Il-karozza ma lahqetx ghaddietha. Taf li s-sewwieq tal-vettura kien l-appellant pero' ma kelmitux.

**Dr. Thomas Degiorgio** xehed u kkonferma li kien ezamina lil Catherine Galea nhar is-17 ta' Guju, 2017 u dan gewwa d-dipartiment tal-Emergenza. Huwa ddeskriva l-feriti li kellha fuq ic-certifikat li hemm esebit fl-atti a fol 13 u kkonferma l-kontenut tieghu, ikkonferma li l-feriti li ssubiet Catherine Galea kienu ta' natura gravi.

Ikkunsidrat,

Illi l-aggravju tal-appellant jirrigwarda l-apprezzament tal-provi traskritti li ghamlet l-ewwel Qorti. Issa hu principju ormaj stabbilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti (kemm fil-kaz ta' appelli minn sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati kif ukoll fil-kaz ta' appelli minn verdetti w sentenzi tal-Qorti Kriminali) li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzzjoni li dik il-Qorti setghet ragonevolment u legalment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-Ewwel Qorti, izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-Ewwel Qorti kienetx ragjonevoli fil-konkluzzjoni taghha. Jekk izda din il-Qorti tasal ghall-konkluzzjoni li l-Ewwel Qorti fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura mpellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni w konkluzzjoni (ara f'dan issens "inter alia" l-Appell Kriminali : "**Il-Pulizija vs. Raymond Psaila et**.[1]"; "**Ir-Repubblika ta' Malta vs. George Azzopardi**[2]" ;"**Il-Pulizija vs. Carmel sive Chalmer Pace**[3]"; "**Il-Pulizija vs. Anthony Zammit**[4]" u ohrajn .)

[1] Deciza nhar it-12 ta Mejju 1994.

[2] Deciza nhar l-14 ta Frar 1989

[3] Deciza nhar il-31 ta' Mejju 1991

[4] Deciza nhar il-31 ta' Mejju 1991.

Illi appropozitu , din il-Qorti tirriferi ghal dak li nghad minn LORD CHIEF JUSTICE WIDGERY fil-kawza "**R. v. Cooper**" ([1969] 1 QB 276) (in konnessjoni mal-artikolu tal-ligi Ingliza s. 2 (1) (a) tal-Criminal Appeal Act, 1968) :-

"*assuming that there was no specific error in the conduct of the trial, an appeal court will be very reluctant to interfere with the jury's verdict (in this case with the conclusions of the learned Magistrate) , because the jury will have had the advantage of seeing and hearing the witnesses, whereas the appeal court normally determines the appeal on the basis of papers alone . However, should the overall feel of the case – including the apparent weakness of the prosecution evidence as revealed from the transcript of the proceedings – leave the court with a lurking doubt as to whether an injustice may have been done, then , very exceptionally, a conviction will be quashed.*" (Ara wkoll BLACKSTONE'S CRIMINAL PRACTICE (1991), p. 1392)

Illi fl-appell kriminali fil-kawza fl-ismijiet : "**Ir-Republika ta' Malta vs. Ivan Gat[5]t**", inghad illi :-

"*Fi kliem iehor, l-ezercizzju ta' din il-Qorti fil-kaz prezenti u f'kull kaz iehor fejn l-appell ikun bazat fuq apprezzament tal-provi, huwa li tezamina l-provi dedotti f' dan il-kaz, tara jekk, anki jekk kien hemm versjonijiet kontradittorji – kif normalment ikun hemm – xi wahda minnhom setghetx liberament u serenament tigi emmnuta minghajr ma jigi vjolat il-principju li d-dubju ghandu jmur favur l-akkuzat u, jekk tali versjoni setghet tigi emmnuta w evidentement giet emmnuta…. , il-funzjoni , anzi d-dover ta' din il-Qorti huwa li tirrispetta dik id-diskrezzjoni u dak l-apprezzament. Biex din il-Qorti, kif del resto gieli ghamlet – tiddisturba l-gudizzju … , trid tkun konvinta li l-istess ma setghux, taht ebda cirkostanza ragjonevoli, jaghtu affidament lill-versjoni minnhom emmnuta.*"

Ghalhekk din il-Qorti ma tissostitwix id-decizjoni tal-Ewwel Qorti fuq apprezzament ta' fatti anki jekk ma taqbilx maghha, jekk l-Ewwel Qorti setghet legalment u ragonevolment tasal ghal dik il-konkluzzjoni. Din il-Qorti pero' taghmel ezami approfondit biex tara jekk l-Ewwel Qorti setghetx fuq il-provi li kellha tasal b'mod "*safe and satisfactory*" ghall-konkluzzjoni ta' htija.

[5] Deciza fl-1 ta' Dicembru, 1994

Illi pero minkejja li l-Qorti tl-Appell ma tiddisturbax l-apprezzament tal-provi maghmula mill-ewwel Qorti xorta din il-Qorti trid tkun konvinta mill-htija tal-appellant.

Illi l-grad ta' prova li trid tilhaq il-prosekuzzjoni, sakemm ma jkunx hemm specifikat mod iehor fil-ligi, huwa tal-htija lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni. Fil-kamp kriminali huwa l-oneru tal-prosekuzzjoni li tipprova l-akkuza taghha kontra l-akkuzat '*beyond reasonable doubt*,' kif gie deciz fil-kawza "**Pulizija vs Bugeja**[6]",. Illi min-naha l-ohra d-difiza, msahha bil-presunzjoni tal-innocenza tal-akkuzat, tista' tibbaza u/jew tipprova l-kaz taghha anke fuq bilanc ta' probabbilita`, jigifieri jekk huwa probabbli li seta' gara dak li gie rrakkuntat mill-akkuzat kif korroborat mic-cirkostanzi jew le.

Illi dan ifisser li l-prosekuzzjoni ghandha l-obbligu li tipprova l-htija tal-akkuzat oltre` kull dubbju dettat mir-raguni u f'kaz li jkun hemm xi dubbju ragonevoli, il-prosekuzzjoni tigi kunsidrata li ma ppruvatx il-kaz taghha ta' htija u ghalhekk il-Qorti hija obbligata li tillibera.

Illi l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) fil-kawza fl-ismijiet "**Pulizija vs Peter Ebejer**[7]" qalet illi:-

> *"Ta' min ifakkar hawnhekk li l-grad ta' prova li trid tilhaq il-prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jhalli ebda dubbju dettat mir-raguni u mhux xi grad ta' prova li ma jhalli ebda ombra ta' dubbju. Id-dubbji ombra ma jistghux jitqiesu bhala dubbji dettati mir-raguni. Fi kliem iehor dak li l-gudikant irid jasal ghalih hu li, wara li jqis ic-cirkostanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni tal-buon sens tieghu, ikun moralment konvint minn dak il-fatt li trid tipprova l-prosekuzzjoni. Ghamlet sew infatti l-ewwel qorti li ccitat b'approvazzjoni l-ispjegazzjoni moghtija minn Lord Denning fil-kaz "**Miller v. Minister of Pensions**" [1974] 2 All E.R. 372 tal-espressjoni "proof beyond a reasonable doubt";*
>
> *"Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect*

[6] Deciza fis-26 ta' Marzu, 1987

[7] Deciza fil-5 ta' Dicembru, 1997

*the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence "of course it is possible but not in the least probable" the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing short of that will suffice*[8]".

Illi f'in il-kawza l-prosekuzzjoni pprovat is-segwenti ghas-sodisfazzjoni tal-Qorti u cioe:

1. Li nhar is-17 ta' Gunju, 2017 ghall-habta tat-8.25 a.m. l-appellant laqat lil Catherine Gala meta kienet ghaddejja fi Triq Manwel Dimech, Qormi u kkawzalha feriti ta' natura gravi kif dekritti minn Dr Thomas Bugeja.
2. Jirrizulta ukoll li l-appellant laqat lil Catherine Galea ghaliex ma waqfx fuq il-lights li kienu hommor izda baqa' ghaddej.

Illi ghalhekk mhemmx dubbju li l-appellant hu responsabbli ghal dak li sofriet Catherine Galea. Il-Qori ghalhekk trid tara jekk il-fatti specie tal-kaz jinkwadrax ruhhom fl-akkuzai moghtija mill-prosekuzzjoni.

Fl-ewwel lok l-appellant gie akkzuat bir-reat kif dispost fl-artikolu 328 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u cioe' r-reat ta' hruq jew hsara involontarja. Fuq prorpjeta' ta' terzi. Dan l-artikolu jipprovdi s segwenti:-

*"Kull min, b'nuqqas ta' ħsieb, bi traskuraġni jew b'nuqqasta' ħila fl-arti jew professjoni tiegħu, jew b'nuqqas ta' tħaris ta'regolamenti, jikkaġuna ħruq, jew jagħmel xi ħsara jew iħassar jew jgħarraq xi ħaġa……"*

Illi ghalhekk jirrizutla sodisfacentement li l-provi imresqa mill-prosekuzzjoni ma humiex dawk li jwasslu ghal dan ir-reat izda semmai ghar-reat kif dispost fl-artikolu 226 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u cioe' ta' offiza involontarja fuq il-persuna.

F'dan l-incient l-appellant ma' kkawza l-ebda hsra fuq prorpjeta' ta' terzi u ghalhekk zgur li ma setghx jinstab hati ta' l-ewwel reat kif adebitat lilu.

---

[8] (373-374)

Fir-rigward tat-tieni akkuza u cioe' li waqt li kien qed isuq l-vettura fl-imsemmija triq, liema triq hija regolata b'sinjal ta' dawl tat-traffiku ta' vetturi naqas li jieqaf meta d-dawl kien qed jixghel ahmar.

Mhemmx dubbju li bhala kontravenzjoni din tirrizulta b'mod sodisfacenti minn dak li stqarret Vincenza Bonnici li ma giex kontradett minn hadd u cioe' li rat lill-appellant isuq il-vettura tieghu meta d-dawl kien ahmar, ghalhekk tali kontravenzjoni tirrizulta provata.

Konsegwentement din il-Qorti qeda tilqa' l-appell in parte billi tirriforma s-sentenza appellata billi, tirrevokha fejn sabet lill-appellant hati tal-ewwel imputazzjoni u tikkonfermaha f'dik il-parti fejn sabet lill-appellant hati tat-tieni akkuza u cioe tal-kontravenzjoni. Tirrevokha wkoll f'dik il-parti fejn ikkundannat lill-appellant ghal muta ta' 500 Euro u tliet xhur sospensjoni tal-licenzja tas-sewqan u minflok qed tikkundanna lill-appelalnt ihallas ammenda ta' tletin euro (€30).

Dr. Consuelo Scerri Herrera

Imhallef